Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — Fardem Packaging vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-51/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva"

1. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Impriżi li jistgħu jinstabu fi ksur li jikkonsisti fil-parteċipazzjoni f'akkordju globali — Kriterji — Obbligu tal-Kummissjoni li tispeċifika, fid-deċiżjoni tagħha, il-ksur skont l-impriża u l-pajjiż — Assenza (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 42-45)*

2. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Partijiet mis-suq li huma miżmuma mill-impriża kkonċernata — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 97/C 372/03) (ara l-punti 54-59)*

3. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Marġni ta' diskrezzjoni rriżervat għall-Kummissjoni — Żieda tal-livell ġenerali tal-multi (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23) (ara l-punti 67, 69)*

4. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Tqassim tal-impriżi kkonċernati f'kategoriji differenti — Kundizzjonijiet — Osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23) (ara l-punti 77, 78)*

5. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Ċirkustanzi attenwanti — Parteċipazzjoni, allegatament forzata, f'laqgħat ta' impriżi li għandhom għan antikompetittiv — Assenza ta' intenzjoni li tiġi ristretta l-kompetizzjoni — Element mhux rilevanti (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23) (ara l-punti 95-100)*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Nuqqas ta' impożizzjoni jew tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża implikata — Neċessità li l-aġir ikun iffaċilita l-konstatazzjoni tal-ksur mill-Kummissjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Limiti — Osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04) (ara l-punti 145-148)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali) li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll talba intiża għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Fardem Packaging BV hija kkundannata għall-ispejjeż.